
ΜΡ
ΘΥ

# AKATHISTOS

PARTI NARRATIVA

1

Anġlu, l-aqwa fosthom ilkoll,
intbagħat mis-Sema u sellem
lil Omm Alla: 'Ifraħ'.
U meta rak, Mulej, titlaħħam
baqa' mistagħġeb,
u b'leħen ir-ruħ,
infexx f'għajta u qalilha:

Ifraħ, int minnek ileħħ il-ferħ;
Ifraħ, int bik tintemm is-saħta.

Ifraħ, int lil Adam erġajt sejjaħt
mill-waqgħa tiegħu;
Ifraħ, int id-dmugħ ta' Eva fdejt.

Ifraħ, int il-Quċċata
'l fuq minn moħħ il-bniedem;
Ifraħ, int irdum
għajnejn qatt ma jinfduh.
Ifraħ, int sirt
it-tron tas-Sultan;
Ifraħ, int żammejt fik
lil min kollox iżomm sħiħ fih.

Ifraħ, int il-Kewkba
li tħabbar sebħ ix-xemx;
Ifraħ, int il-ġuf
li fih tlaħħam Alla nnifsu.
Ifraħ, int bik jiġġedded il-ħolqien;
Ifraħ, int minnek il-Ħallieq twieled tarbija.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

2.

Billi Marija kienet taf
bis-safa tagħha,
Qalbiena staqsiet lil Gabrijel:
“Ir-ruħ tiegħi taraha bi tqila
temmen il-bxara
mhix tas-soltu tiegħek.
Kif tħabbar int
tnissil u ħlas min Verġni?”
u tgħajjat: Hallelujah!

3

Il-Verġni, mbagħad, mixtieqa
Li tidħol fil-qalba tal-misteru,
Għolliet leħinha u staqsiet
Lill-ministru ta’ Alla:
“Kif jista’ jkun li minn ġuf verġni
jitwieled iben? Għidli inti.”
mbagħad kollu rispett u qima
għolla leħnu u qalilha:

Ifraħ, int midħla
    tal-kunsill misterjuż ta’ Alla;

Ifraħ, int il-fiduċja
    ta’ min ifittxek fis-skiet.

Ifraħ, int il-bidu tal-mirakli ta’ Kristu;
Ifraħ, int il-ġabra tal-veritajiet tiegħu.

Ifraħ, int is-sellum,
    bih niżel Alla fostna;
Ifraħ, int il-pont
    bejn l-art u s-sema.

Ifraħ, int is-sinjal

li bih l-anġli jistagħġbu;
Ifraħ, int il-flaġell
u l-biża' tax-xitan.

Ifraħ, int ulidt id-Dawl b'mod ineffabbli;
Ifraħ, int il-kif moħbi żammejt għalik.

Ifraħ, int il-fuq mill-għerf tal-istess għorrief;
Ifraħ, int iddawwal qalb il-fidili.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

4.

Is-sħaba tal-qawwa ta' Alla
għattiet ix-xebba,
li ma kinetx taf xinhu żwieġ,
biex tnissel iben.
Mill-ġuf tagħha
għamel għalqa għammiela
għal min jixtieq jaħsad
il-frott tas-salvazzjoni.
Għajjat u lissen: Hallelujah!

5

Bil-Mulej f'ġufha,
il-Verġni marret tiġri
għand Eliżabetta.
It-tarbija tagħha
anqas biss imwielda
għarfet mill-ewwel
it-tislima ta' Omm Alla,
ferħet u qabżet u għannitilha:

Ifraħ, int fergħa dejjem ħajja;
Ifraħ, int dejjem miżgħuda bi frott bnin.

Ifraħ, int ulidt lil ħabib il-bniedem;
Ifraħ, int ħadt ħsieb
ta' min jieħu ħsieb ħajjitna

Ifraħ, int il-għalqa li tagħti l-frott
ta’ grazzji kbar;
Ifraħ, int mejda mgħobbija
b’doni kotrana.

Ifraħ, int ħjejt mill-ġdid
ir-raba’ għammiel;
Ifraħ, int ħejjejt
il-kenn għall-erwieħ.

Ifraħ, int l-inċens tat-talb milqugħ min Alla;
Ifraħ, int il-maħfra għad-dinja kollha.

Ifraħ, int il-ħniena ta’ Alla għall-bnedmin;
Ifraħ, int tal-bnedmin il-fiduċja quddiem Alla.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

6

Xmajjar ta’ dubji tertqu
qalb Ġużeppi l-għaqli
meta rak, O xbejba,
safja bla mittiefsa,
u beża’ minħabba fik.
Imma meta bit-tnissil tiegħek
mill-Ispirtu s-Santu sar jaf,
infexx jgħajjat: Hallelujah!

7

Ir-rgħajja semgħu l-Anġli jkantaw
il-preżenza ta’ Kristu inkarnat fostna.
U marru jiġru jfittxu r-Ragħaj,
iżda sabu l-Ħaruf bla tebgħa
jitrejjaq minn sider Marija,
u nfexxew jgħannu u jgħidulha:

Ifraħ, int l-Omm tal-Ħaruf, tar-Ragħaj;
Ifraħ, int il-kenn għan-ngħaġ

tal-mergħa tiegħu.
Ifraħ, int fortizza kontra l-għadu tar-ruħ;
Ifraħ, int ftaħt il-bieb tal-ġenna.

Ifraħ, int bik jifirħu l-ħlejjaq
tas-sema u l-art;
Ifraħ, għalik is-sema u l-art
b'leħen wieħed ikantaw.

Ifraħ, int il-leħen qatt sieket
ta' l-Appostli;
Ifraħ, int il-qlubija tal-Martri
qatt megħluba.

Ifraħ, int tal-Fidi l-blata samma;
Ifraħ, int tal-grazzja l-istandar glorjuż.

Ifraħ, bik infetħu bwieb l-imwiet;
Ifraħ, bik tlibbisna aħna bis-sebħ u l-glorja.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

8

Fil-għoli tas-smewwiet il-Maġi lemħu
kewkba turihom lil Alla:
imxew fuq ir-raġġi tagħha
u żammewha quddiemhom bħal lanterna.
Permezz tagħha fittxew
Sultan setgħan,
kif resqu lejn Dak, li ma jilħqu ħadd,
infexxew jgħajtu bil-ferħ: Hallelujah!

9

F'dirgħajn il-Verġni raw il-Kaldin
lil Dak li sawwar b'idejh il-bnedmin;
għarfuh bħala s-Sid,
għalkemm kien ħa s-sura ta' lsir;

minn rajhom resqu bir-rigali jagħtuh qima
u qalu lil Ommu mbierka dan il-kliem:

Ifraħ, int Omm il-Kewkba li qatt ma tinżel;
Ifraħ, int tal-jum mistiku s-sebħ.

Ifraħ, int titfi tal-qerq il-forġa;
Ifraħ, int iddawwal lil min jagħraf it-Trinità.

Ifraħ, int tkeċċi 'l barra
t-tirann tal-qedem;
Ifraħ, int turina 'l Kristu,
il-Mulej ħanin.

Ifraħ, int fdejtna
mir-riti kiefra;
Ifraħ, int ħlistna
mit-tajn tal-ħażen.

Ifraħ, int xejjint il-kult tan-nar;
Ifraħ, int tal-vizzju l-fjamma.

Ifraħ, int tal-għerf il-gwida
Għall-fidili;
Ifraħ, int ta' kollha kemm huma
l-ġenerazzjonijiet il-ferħ.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

10

Il-Maġi reġgħu lura lejn Babel,
u saru l-messaġġiera tas-Sultan.
Temmew il-profezija tiegħek
u xandru lil Kristu l-Messija ma' kulħadd.
Ħallew lill-Erodi mehdi bi bluhatu
u bla ħila jgħajjat:

Hallelujah!

11

Int xgħelt fl-Eġittu
id-dawl tal-verità,
int il-Feddej;
keċċejt id-dlam tal-qerq;
l-idoli ma felħux għall-qawwa tiegħek,
u waqgħu wiċċhom fl-art.
Dawk li salvaw fost il-bnedmin
lil Omm Alla għajtu:

Ifraħ, int il-qawwa tal-bnedmin;
Ifraħ, int il-waqgħa tax-xitan.

Ifraħ, int tisħaq fuq il-qerq;
Ifraħ, int kxift tal-idoli, il-qerq u l-gidba.

Ifraħ, int il-baħar, li l-Fargħun tar-ruħ
    għarraqt l-fehmiet tiegħu;
Ifraħ, int il-blata
    taqta' l-għatx għall-ħajja.

Ifraħ, int il-kolonna tan-nar
    li tmexxi n-nies fid-dlam;
Ifraħ, int il-kenn tad-dinja,
    usa minn sħaba.
Ifraħ, int l-ikel minflok il-manna;
Ifraħ, int isservina b'ikel qaddis.

Ifraħ, int l-art l-imwiegħda;
Ifraħ, int l-art tnixxi ħalib u għasel.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

12

Meta kien wasal biex iħalli
din id-dinja l-qarrieqa,
Xmun ħadek f'idejh, Mulej,
tarbija tat-twelid;

iżda huwa għarfek b'Alla perfett,
stagħġeb bil-għerf ta' Alla l-Imbierek
u nfexx jgħajjat:

Hallelujah!

13

Il-Ħallieq ta' kollox
Ħolqien ġdid uriena,
lilna l-ħlejjaq tiegħu,
meta hu dehrilna mwieled
minn ġuf ta' Omm Verġni.
Hu ħarsilha l-verġinità tagħha
kif dejjem kienet sħiħa.
Mistagħġba għalhekk quddiem dan il-għaġeb
Infaħħru u ngħannu:

Ifraħ, int il-warda bla taħsir;
Ifraħ, int il-kuruna tal-kastità.

Ifraħ, int il-mudell ileħħ
    tal-qawmien mill-imwiet;
Ifraħ, int il-mera ta' ħajjet l-Anġli.

Ifraħ, int is-siġra tal-frott bnin,
    għajxien tal-fidili;
Ifraħ, int is-siġra mwerrqa,
    kenn tal-kotra.

Ifraħ, int ġibt fid-dinja l-Mexxej
    għall-mitlufin fi triqthom;
Ifraħ, int nissilt
    tal-ilsiera l-Feddej.

Ifraħ, int l-avukata quddiem l-Imħallef ġust;
Ifraħ, int il-maħfra tal-kotra tal-midinbin.
Ifraħ, int libsa ta' kuraġġ
    għall-imneżżgħin mill-grazzja;
Ifraħ, int il-ħlewwa
    li kull xewqa tegħleb.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

14

Aħna u naraw dan it-twelid barra mis-soltu,
ħalli nsiru bħal barranin f'din id-dinja!
Għax għalhekk Alla l-għoli deher fuq l-art
bħal bniedem umli,
sabiex jgħolli fil-għoli tas-smewwiet
lil dawk li jgħannulu: Hallelujah!

15

U l-Verb, il-kelma ta' Alla bla qies,
kien kollu kemm hu
hawn isfel fost il-bnedmin,
u ma kienx nieqes
minn fost dawk ta' fuq;
għax dan kien inżul divin,
u mhux bdil ta' post.
Twelidu kien minn Verġni,
u hi mnebbħa minn Alla
semgħet dan il-kliem:

Ifraħ, int il-għamara għal Alla,
    li xejn ma jesgħu;
Ifraħ, int il-bieb
    għall-misteru l-kbir.
Ifraħ, int xniegħa tħawwad lill-infidili;
Ifraħ, int foħrija mill-aktar żgura għall-fidili.

Ifraħ, int il-karru mqaddes
    ta' Dak li jirkeb il-Kerubini;
Ifraħ, int it-tron glorjuż
    ta' Dak li joqgħod fuq is-Serafini

Ifraħ, int tlaqqa' l-ħlejjaq kontra xulxin;
Ifraħ, int il-Maternità u l-Verginità
    tlaqqa' ġewwa fik.

Ifraħ, int bik jinħall id-dnub;
Ifraħ, int bik beraħ jinfetħu bwieb il-ġenna.

Ifraħ, int il-muftieħ għas-saltna ta’ Kristu;
Ifraħ, int it-tama għall-ġid etern.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

16

Mistagħġba baqgħu l-kori ta’ l-Anġli
b’din il-ġrajja kbira tal-Inkarnazzjoni.
Raw lil Alla, li ħadd ma jista’ jersaq lejh,
isir bniedem biex kulħadd jersaq lejh.
Hu għammar fostna u sama’ l-għajta tagħna:

Hallelujah!

17

Baqgħu mbikkma bħal ħut
l-aqwa kelliema
meta raw lilek, Omm Alla.
Ma kellhomx ħila biss jistaqsu:
‘Kif tista’ tnissel iben
u tibqa  fl-istess ħin Verġni?’
Mistagħġba b’dan il-misteru
aħna b’fidi sħiħa nagħajtu:

Ifraħ, int il-għamara tal-għerf ta’ Alla;
Ifraħ, int it-teżor tal-Provvidenza tiegħu.

Ifraħ, int tbellah lill-filosfi;
Ifraħ, int iġġib fix-xejn ir-raġuni tal-għorrief.

Ifraħ, int tħawwad id-diskussjoni fina;
Ifraħ, int xejjint il-ħrejjef tal-ħarriefa.

Ifraħ, int qattajt ix-xbiek tal-għorrief pagani;
Ifraħ, int tas-sajjieda   mlejt ix-xbiek.

Ifraħ, int ittellagħna
        mill-irdum ta’ l-injoranza;
Ifraħ, int bil-għerf lil ħafna ddawwal.

Ifraħ, int iċ-ċattra għal min
        jixtieq is-salvazzjoni;
Ifraħ, int il-port għall-għawwiem
        fuq il-mewġ tal-ħajja.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

18

Il-Bennej ta’ kollox
xtaq is-salvazzjoni
lid-dinja jwassal;
u għal dan minn rajh ġie fostna.
Għalkemm bħal Alla hu r-Ragħaj,
għalina hu deher bħala Bniedem.
Sejħilna fix-xbieha tagħna,
lilna li aħna tiegħu,
u bħala Alla jismagħna:

Hallelujah!

19

Int O Verġni, Omm Alla,
int bħal sur ta’ belt għall-verġni
u għal min ifittex il-kenn għandek.
Għax il-Bennej tas-smewwiet u l-art
għalhekk ħejjiek, O Verġni safja,
u għammar f’ġufek
u għallimna nsejħulek:

Ifraħ, int il-kolonna tal-verġni,
Ifraħ, int il-bieb tas-salvazzjoni

Ifraħ, int il-bidu ta’ twelid ir-ruħ;

Ifraħ, int il-għajn tal-barkiet ta’ Alla.

Ifraħ, int tiled mill-ġdid
l-imweldin fil-għajb;
Ifraħ, int fik in-nies bla moħħ
il-milja tal-għerf sabu.

Ifraħ, int iġġib fix-xejn
lil min il-qalb iħassar;
Ifraħ, int li wlidt
l-awtur tal-kastità.

Ifraħ, int ta’ żwieġ verġinali l-post;
Ifraħ, int tgħaqqad il-fidili mal-Mulej.

Ifraħ, int omm ħelwa
tmantni l-verġni;
Ifraħ, int twassal l-verġni qaddisa
għand il-għarus.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

20

Ebda innu qatt ma nkiteb
li jsemmi l-kotra sħiħa
tal-ħniena tiegħek, Mulej.
Jekk ikollna noffrulek, Sultan Qaddis,
innijiet ta’ foħrija
b’kotra ta innijiet bla qies
daqs ir-ramel f’xatt il-baħar,
ma nkunu għamilna xejn
biex inpattulek biżżejjed
għal kull ma tajtna,
lilna li ngħannulek:

Hallelujah!

21

Aħna nħarsu lejn il-Verġni Mqaddsa
bħal torċa tħeġġeġ għan-nies fid-dlam.
Għax Hi tqabbad id-dawl divin
u twassalna biex nagħrfu lil Alla;
Hi ddawlilna moħħna bid-dija tagħha
u aħna nqimuha b'dan il-kant:

Ifraħ, int ir-raġġ ta' Xemx il-Ħajja;
Ifraħ, int leħħa ta' dawl qatt ma jintemm.

Ifraħ, int il-berqa tleħħ għal ruħna;
Ifraħ, int ir-ragħda twerwer l-għedewwa.

Ifraħ, int minnek id-dawl
        li jdawwal u jqaddes;
Ifraħ, int minnek ix-xmara
        tfur bil-ġid.

Ifraħ, int ix-xbieha
        tal-vaska antika;
Ifraħ, int tneħħi
        it-tebgħa tad-dnub.

Ifraħ, int il-fonti fejn jitnaddfu l-kuxjenzi;
Ifraħ, int il-kalċi
        fejn jitħawwar l-inbid tal-ferħ.

Ifraħ, int il-fwieħa ħelwa ta' Kristu;
Ifraħ, int il-ħajja tal-festa mistika.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

22

Meta Dak li jaħfer
id-djun mill-qedem tal-bnedmin
ried jagħti l-grazzja,
minn rajh ġie jgħammar fost dawk
li tbiegħdu mill-grazzja tiegħu;
u meta qatta' l-kont kontrihom,

semagħhom ilkoll jgħajtu: Hallelujah!

23

Aħna u ngħannu lil Dak li int wlidt,
aħna lkoll infaħħruk, Omm Alla,
lilek, it-Tempju ħaj.
Għax il-Mulej li jżomm kollox f’idu,
għammar f’ġufek u qaddsek,
sebħek u għallimna ngħajtulek:

Ifraħ, int it-tabernaklu ta’ Alla u tal-Verb;
Ifraħ, int il-qaddisa fost il-qaddisin.

Ifraħ, int l-Arka mdehba mill-Ispiritu s-Santu;
Ifraħ, int teżor bla qies tal-ħajja.

Ifraħ, int il-kuruna għażiża tas-Slaten twajba;
Ifraħ, int il-foħrija tal-qassisin devoti.

Ifraħ, int it-torri sod tal-Knisja;
Ifraħ, int is-sur qawwi tas-Saltna.

Ifraħ, int bik jitgħollew it-trofej tar-rebħa;
Ifraħ, int bik jiġġarrfu l-għedewwa.

Ifraħ, int il-fejqan ta’ ġismi;
Ifraħ, int bik jiġġarrfu l- għedewwa.

Ifraħ, int il-fejqan ta ġismi;
Ifraħ, int ta’ ruħi s-salvazzjoni.

Ifraħ, Għarusa u Verġni.

24

Infaħħruk minn qalbna, O Omm,
int tixraqlek kull foħrija,
int ulidt il-Verb,
il-Kelma ta’ Alla,
il-Qaddis fuq kemm huma l-qaddisin.

Ilqa’ din l-offerta, din għanjietna.
Eħlisna minn kull deni, u ifdina
minn kull ħsara għal li ġej,
lilna li nsejħulek u ngħidulek:

Hallelujah!

## Salve Regina

Salve Regina, Mater misericordiæ, vita, dulcedo et spes nostra salve. Ad te clamamus exules filii Evæ; ad te suspiramus gementes et flentes in hac lachrymarum valle. Eia ergo Advocata nostra, illos tuos misericordes oculos ad nos converte. Et Jesum benedictum, fructum ventris tui, nobis post hoc exilium ostende, o clemenes, o pia, o dulcis Virgo Maria.